**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 24 ta' Ottubru 2022**

**Rik.Gur. Nru.: 67/2020 JPG**

**Kawza Nru : 20**

**MA (K.I numru 0078090(M)) f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri MLA**

**vs**

**KA (K.I.numru 0352184 (M)), JPF (K.I. numru 562886 (M)) u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' MA datat 15 ta' Mejju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *ILLI r-rikorrenti MA kienet mizzewga lill-konvenut KA kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u ezebit bhala Dok A;*

2. *ILLI r-rikorrenti MA u zewgha KA ilhom separati de facto mill-bidu ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) u prezentement ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni;*

3. *ILLI nhar X twieldet MLA maghrufa bil-kunjom A u billi t-twelid sehh fit-terminu stabbilit mill-artiklu 68 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet irregistrata mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku fl-atti tat-twelied tieghu li jgib in-numru 2395/2020, bhala wild il-konvenut KA, skond ma jidher mill-istess ghadd li qed jigi hawn anness u ezebit bhala Dok B;*

4. *ILLI b'danakollu meta giet kkoncepita il-minuri MLA maghrufa bil-kunjom A, ir-rikorrenti MA u zewgha l-konvenut KA kienu mifruda de facto u dan wara illi z-zwieg taghhom kien ilu zmien li sfaxxa b'mod irrimedjabbli;*

5. *ILLI matul dan iz-zmien ma kien hemm l-ebda rikonciljazzjoni u wisq lanqas rapporti intimi bejn ir-rikorrenti MA u l-konvenut KA;*

6. *ILLI ghalhekk l-konvenut KA ma jistax ikun missier il-minuri MLA, peress illi hu u r-rikorrenti MA ma kellhomx rapporti intimi bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri MLA u ghalhekk l-konvenut kien effetivament fl-impossibilita' fizika li jghammar mar-rikorrenti MA minhabba li kien il-boghod minnha;*

7. *ILLI effetivament missier il-minuri huwa l-konvenut JPF u dan peress illi fiz-zmien meta l-istess MLA kienet ikkoncepita r-rikorrenti u l-konvenut JPF kellhom relazzjoni bejniethom u ghadhom f'din ir-relazzjoni;*

8. *ILLI skond DNA Paternity test report maghmul minn Mr. Christopher Farrugia liema test qed jigi hawn anness u mmarkat Dok C irrizulta illi l-konvenut JPF huwa l-missier biologiku tat-tifla minuri MLA;*

9. *ILLI minkejja illi gie interpellat diversi drabi sabiex jidher quddiem l-Imhallef Emeritus Dr Galea Debono sabiex il-minuri tigi rregistrata fuq isem il-missier biologiku taghha, u b'hekk jigu evitati l-ispejjez gudizzjarji, b'sens ta' pika, ghal darba darbtejn irrifjuta li jaghmel dan.*

10. *ILLI ghalhekk qed issir il-prezenti procedura sabiex;*

*(i) Fl-ewwel lok jigi stabbilit u ddikjarat illi l-minuri MLA maghrufa bil-kunjom A hija effetivament bint il-konvenut JPF u mhux bint il-konvenut KA kif indikat fl-att tat-twelid bin-numru 2395/2020*

*(ii) Konsegwentament jigi korrett l-att tat-twelid bin-numru 2395/2020 sabiex jirrifleti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri MLA.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponenti umilmilent titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara u tiddecidi illi l-konvenut JPF huwa l-missier naturali tal-minuri MLA maghrufa bil-kunjom A u mhux il-konvenut KA u konsegwentement:*

2. *Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri MLA billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri tikkancella l-kliem 'KA' u tissostitwih bl-isem 'JPF' u tordna ukoll illi l-partikolarijiet relattivi ghal professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b' dawk il-partikolarijiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;*

3. *Tordna li l-kunjom tal-minuri ikun l-istess kunjom tal-missier naturali u cioe' "F";*

4. *Tordna jekk ikun il-kaz l-korrezzjoni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 24 ta' Awwissu 2020, a

fol 13 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-esponent jiddikjara li mhuwiex edott mill-fatti hekk kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;*

2. *Illi fil-mertu, l-esponent jeccepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri, hija kellha relazzjoni extra-maritali ma' JPF u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li jeskludu lil intimat KA bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi fil-premessa numru 8 tar-rikors guramentat taghha r-rikorrenti tispjega li diga sar test tad-DNA li jistabilixxi li l-missier naturali tal-minuri huwa l-intimat JPF. Madanakollu, jidher li jonqos li tali rapport jigi mahluf mit-tekniku li wettaq l-istess test;*

4. *Illi bla hsara ghas-suespost, f'kaz li jintlaqghu it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lill-intimat JPF, sabiex jipprezenta nota li tispecifika d-dettalji personali tieghu , senjatament: (1) in-numru tal-karta tal-identita tieghu; (2) ismu u kunjomu; (3) l-eta' tieghu meta twieldet il-minuri; (4) il-post tat-twelid tieghu; (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija mnuri; (6) isem u kunjom missieru; (7) jekk missieru kienx ghadu haj meta twieldet il-minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri;*

5. *Illi bla pregudizzju ghal premess, f'kaz li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod defenittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri;*

6. *Illi finalment, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti li qieghda minn issa tigi ngunta in subizzjoni.*

Rat ir-risposta ta' KA datata 22 ta' Ottubru 2020, a fol 18 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizazzjoni mehtiega li permezz taghha l-attrici giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri MLA skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Illi preliminarjament ukoll l-esponent jecepixxi li l-attrici ma ddikjaratx taht liema artikolu tal-ligi hija ssejjes din il-kawza istanti, u ghaldaqstant ikun ta' beneficcju ghall-esponent illi l-attrici taghmel dan sabiex ikun jista' jwiegeb ghal dan ir-rikors guramentat b'iktar konkretezza.*

3. *Illi sabiex tirnexxi din il-kawza istanti l-attrici ghandha tiddikjara li fi zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mitt u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri MLA hija kkommettiet adulterju.*

4. *Illi in oltre ghandu jigi ppruvat permezz ta' testijiet genetici li jeskludu lill-esponent bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri MLA. L-esponent qed jikkontesta t-testijiet genetici li r-rizultat taghhom gie anness mar-rikors guramentat odjern u dana billi li la din il-Qorti u lanqas l-esponent ma kellhom l-ebda kontroll fuq il-mod ta' kif saru dawn l-istess allegat testijiet genetici.*

5. *Illi l-esponent jichad b'mod mill-aktar kategoriku li wara li hu gie interpellat sabiex jidher quddiem l-Imhallef Emeritus Dr Galea Debono ai fini ta' registazzjoni tal-minuri naqas milli jaghmel dan. L-esponent deher quddiem l-Imhallef Emeritus Dr Galea Debono ghal dan il-ghan u gie proprju deciz illi minhabba l-fatt illi kellha relazzjoni mal-intimat JPF meta hija kienet ghadha f'relazzjoni mal-esponent, it-talba taghha ma kienx possibbli li tigi milqugha.*

6. *Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tal-attrici m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent, anzi dan kien rizultat ta' adulterju b'mod sfaccajt meta hija ghadha tinsab fl-relazzjoni mal-esponent, ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjes tal-kawza istanti.*

   *Salvi eccezzjonijiet ohra, u bl-ispejjez.*

Rat ir-rapport ta' DNA ppresentat minn Dr Marisa Cassar nhar it-2 ta' Frar 2021 mahtura bhala espert minn din il-Qorti nhar is-26 ta' Novembru 2020 u minnha mahluf;

Rat illi l-attrici ddikjarat illi l-partikolaritajiet tal-missier naturali huma: JPF, ID Card 562886M, eta' 34 sena meta twieldet it-tarbija; il-post tat-twelid ta' F huwa Pieta'; residenza meta twieldet it-tarbija huwa Tarxien. Isem u kunjom missier JPF huwa A u omm JPF hija J, it-tnejn hajjin meta twieldet it-tarbija, vide fol 48;

Rat ukoll illi l-attrici u l-missier naturali urew ix-xewqa illi kunjom il-minuri jkun MLFA; l-intimat KA ma kellux oggezzjoni; (Vide fol 48);

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici MA xehdet permezz ta' affidavit *(vide fol 33 et seq)*** u spjegat illi hija mizzewg alill-intimat KA u ddecidiet li thassar ir-relazzjoni minn mieghu meta fl-10 ta' Marzu tas-sena 2019 iddecidiet li titlaq mid-dar matrimonjali ghaliex ma felhitx tistaportih aktar. Ftit wara li telqet mid-dar, iltaqghet mal-intimat JPF, u fil- 5 ta' April 2019 kienu ufficjalment flimkien. Mill-bidu tar-relazzjoni taghhom huma kienu qablu li riedu t-tfal b'determinazzjoni kbira u mill-ewwel bdew jippjanaw. Illi filfatt wara gimghatejn inqabdet tqila bit-tifla MLA. Ghalkemm zewgha kien baqa jipprova jikkonvinciha sabiex jergghu jirrangaw hija ma riditx taf bih izjed u l-unika kommunikazzjoni li kien ikollhom kienet u ghadha tirrigwarda biss lil binhom K. Il-minuri MLA twieldet fit-30 ta' Dicembru 2019 u peress li kienet ghadha ghaddejja bis-separazzjoni minn ma' zewgha, l-minuri giet registrata bhala bint l-intimat KA. Illi dan kienu jafuh kemm hi u kif ukoll JPF. F'Jannar jew Frar tas-sena 2020, huma iddecidew li jaghmlu testa tad-DNA ghand Dr. Christopher Farrugia u minn dana t-test kien

jidher illi MLA hija bint JPF. Illi l-intimat KA mill-bidu tat-tqala dejjem cahad li t-tarbija kienet bintu u li t-tifla lanqas m'ghandha titqies li hija oht binhom K ghaliex hu kien jghidilha li l-ahwa jigu mill-istess missier.

L-attrici tirrileva illi anke kienu ghamlu appuntament quddiem l-Imhallef Galea Debono tramite l-avukat difensur taghha, izda l-intimat KA kien ghazel li ma jattendix u kienu telghu ghalxejn, u ghalhekk ma kellhiex ghazla ohra hlief li tipprocedi b'din il-kawza.

**L-intimat KA xehed permezz ta' affidavit *(vide fol 60 et seq)*** fejn spjega illi huwa zzewweg lill-attrici nhar l-24 ta' Mejju 2015 u li bhalissa jinsabu ghaddejjin minn proceduri ta'separazzjoni. Illi miz-zwieg taghhom huma kellhom iben K li twieled f'Y. L-intimat jikkonferma illi l-ahhar darba li huwa kien intimu ma' martu kien f' Marzu tas-sena 2019. Illi wara Marzu tas-sena 2019, huwa kien imur jigbor lil ibnu u kien diga innota li l-attrici kienet tqila bit-tieni tarbija. Illi dan kien jikkonfermahulu anke l-minuri K. Illi dak iz-zmien huwa ma kienx cert jekk it-tarbija li kienet qieghda tistenna l-attrici kinitx tieghu jew le. Ftit wara t-twelid tat-tarbija tal-attrici, huwa kien ircieva ittra sabiex jidher quddiem il-Qorti ta' Revizjoni ta' l-Atti Notarili. Huwa kien attenda izda peress li minn dakinhar li huma temmew ir-relazzjoni taghhom ma kienux laqghu ghaddew tlett mitt (300) gurnata u lanqas kienu ghaddew tlett mitt (300) jum qabel it-twelid tat-tarbiha li huma kellhom rapporti intimi, huwa ma riedx joqghodu fuq dokument li ma kienx jaf bl-ezistenza tieghu, ghaliex hu ma riedx jghix bid-dubju.

**L-attrici xehdet in kontro-ezami nhar it-23 ta' Gunju 2022,** ikkonfermat illi fil-5 ta' April hi u l-intimat F bdew ir-relazzjoni taghhom. Hija tispjega illi wara li hija telqet mid-dar matrimonjali hija marret tghix ma' missierha l-Hamrun u maghha anke kien hemm il-minuri K. Kienet ghamlet perjodu "chatting" mal-intimat F izda huma qatt ma kienu iltaqghu u fil-5 ta' April iddecidew li jiltaqghu u minn hemmhekk kompliet ir-relazzjoni taghhom. Tikkonferma illi ftit granet wara huma kienu ddecidew li jridu t-tfal u filfatt hija harget tqila wara biss gimghatejn. L-attrici tikkonferma wkoll illi sa gimgha qabel ma telqet mid-dar hija kellha rapport intimi ma' zewgha biss.

In **ri-ezami** l-attrici tikkonferma illi hija telqet mid-dar fl- 10 ta' Marzu u zzid illi dakinhar telqet bic-ciklu mid-dar, u filfatt regghet kienet bic-ciklu fit-30 ta' Marzu. Illi wara iltaqghet mal-intimat F u tixhed illi hija qatt ma kienet tafu qabel u saret tafu tramite missierha.

Tikkonferma illi fil- 5 ta' April huma kellhom l-ewwel *date* taghhom u minn hemmhekk prosegwew bir-relazzjoni taghhom.

**L-intimat A in kontro-ezami nhar it-23 ta'Gunju 2022 jikkonferma n-numru tal-** mobile tieghu u jikkonferma wkoll illi huwa kien qal lill-attrici illi l-ulied li ha jkollha qatt ma jistghu jkunu ahwa ta' K ghaliex ahwa jridu jkunu mill-istess missier. Mistoqsi jekk kienx gie muri certifikat tad-DNA qabel infethu dawn il-proceduri, l-intimat jishaq illi huwa ma kienx involut fit-test tad-DNA u ma kienx jaf ghand min sar dan it-test. Mistoqsi fuq il-proceduri quddiem l-Imhallef Galea Debono, huwa jikkonferma illi kien deher darba quddiemu meta kienu urewh ic-certifikat u hu ma riedx joqghod fuqu ghaliex ma kienx jaf min ghamlu. Jikkonferma illi kien ra karta imma hu ma jifhimx u jinsisti illi huwa kien qal lill-Imhallef illi hu jrid ikun prezenti ghad-DNA.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija kawza maghmula ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodici Civili, ai termini ta' liema:

> **"*It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan, tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba tali ġenitur li wiled jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild tali ġenitur wettaq adulterju ma' dik il-persuna li dak il-ġenitur ikun qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u proviġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-ġenitur naturali tal-wild.*"**

Il-Qorti rat illi l-Artikolu 81 jipprovdi illi:

> **"(1) *Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuhl-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta'***

***stat li jaqbel ma' dak l-att.***

***(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.***"

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 80 tal-Kodici Civili, skont liema:

"***(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.***

***(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:***
***(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;***
***(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;***
***(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;***
***(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja."***

Fir-rigward tal-Artikolu 81 hawn fuq citat, fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et noe,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju 1996 intqal illi:

"***Iktar ma jghaddi z-zmien aktar qed taqbad l-gheruq il-fehma li r-realtajiet biologici socjali ghadhom jipprevalu fuq il-prezunzjoni legali li pater est quem iustaw nuptaie demonstrant. Fil-kaz ta' Kroon versus The Netherlands, il-Qorti Ewropea hadet in konsiderazzjoni li n-nozzjoni ta' familja ma kinitx ristretta biss ghar-relazzjonijiet ibbazati fuq iz-zwieg izda tapplika wkoll ghal de facto family ties ohra fejn il-partijiet ikunu qed jghixu flimkien izda mhux fl-ghaqda taz-zwieg. Huwa fid-dover ta' l-istat li jagixxi b'mod li din ir-relazzjoni tkompli tizviluppa fl-interess ta' l-istess minuri. Ghalhekk l-artikolu 81 tal-Kodici Civili m'ghandux johloq ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet***

***ta' l-attur.*"**

Il-Qorti rat ukoll l-artiklu 77C tal-Kap 16 li jipprovdi illi:

> ***Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77A u 77B il-persunali tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-konjuġi li wiled skont il-każ, jistgħu jipproċedu b'kawża għal dikjarazzjoni li persuna huwa l-ġenitur jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-wild:***
>
> ***Iżda l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista', wara li jsir rikors ġuramentat mill-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ jew il-konjuġi li wiled u, jekk ikun possibbli wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-wild, f'kull żmien tawtorizza lill-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ jew il-konjuġi li wiled biex jibdew kawża għal dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B:***
>
> ***Iżda wkoll, meta l-filjazzjoni ta' persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, kull min b'konsegwenza ta' dik id-dikjarazzjoni jkun serjassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dik id-dikjarazzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, jista' jitlob lill-qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jitħalla juża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-użu ma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nomta' minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri, hija għandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija minnha fuq l-att tat-twelid rilevanti ta' min tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tiegħu.***

Il-Qorti rat illi l-proceduri odjerni gew intavolati fil-15 ta' Mejju 2020 u cioe entro t-terminu ta' sitt xhur mit-twelied tat-tarbija MLA.

Il-Qorti taghraf illi l-minuri MLA twieldet fit-30 ta' Dicembru 2019, u giet registrata bhala bint KA, stante li l-attrici u l-intimat A ghadhom mhux legalment separati. Illi pero' kif irrizulta mill-assjem tal-provi, ir-rikorrenti kellha relazzjoni extra-maritali mal-intimat JPF

ftit wara li hija telqet id-dar matrimonjali. Mhuwiex kontestat illi f'dak il-perjodu l-attrici u zewgha KA ma kienux qieghdin jirrisjedu flimkien, stante li l-attrici marret tirrisjedi ma' missierha l-Hamrun u qatt ma rega kellhom rapport konjugali.

Il-Qorti rat illi kemm ir-rikorrenti u kif ukoll l-intimat F kienu konsapevoli illi t-tarbija MLA kienet frott tar-relazzjoni taghhom, u dana peress illi l-attrici u l-intimat F kienu qieghdin jippruvaw ikollhom it-tfal, u filfatt l-attrici ma damitx ma harget tqila. Illi t-tarbija li llum qorbot biex taghlaq tlett (3) snin, dejjem taf lill-intimat F bhala missierha.

Il-Qort rat ukoll illi **fuq rikjesta tal-intimat A, il-partijiet regghu isottoponew ruhhom ghat-testijiet genetici sabiex tigi accertata l-paternita' tal-minuri b'mod xjentifiku.** Il-Qorti taghraf illi f'kazijiet bhal dawn il-prova regina huwa l-ezami xjentifiku tad-DNA. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"...f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri..."*** [1]

Il-Qorti rat illi skont ir-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar *a fol 38 et seq*, it-testijiet genetici li saru fuq il-konvenuti JPF u KA u l-minuri MLA**jistabilixxu illi l-konvenut JPF huwa l-missier bijologiku tal-minuri. Illi** ghalhekk, u in vista tar-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar, il-Qorti tqis illi gie stabbilit b'mod car u inekwivoku, illi l-konvenut F huwa l-missier bijologiku tal-minuri bint il-partijiet. Illi ghalhekk il-parentela tal-minuri giet stabbilita minghajr ombra ta' dubbju u minn dan isegwi illi t-talbiet tar-rikorrenti huma fondati fil-fatt u fid-dritt, u qed jigu milqugha u dan r-resultat jikkonferma r-resultat mahrug minn Christopher Farrugia.

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata sabiex tintavola dawn il-proceduri permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat 23 ta' Jannar 2019.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri, il-Qorti rat illi t-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

---

[1] A B vs C D et, Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Gru. Nru. 79/16) 25 April 2018.

> "*Iżda wkoll, meta kawża sabiex jiġi miċħud wild issir minn xi wieħed mill-konjuġi wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu, kull sentenza li biha l-wild jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta' xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jewb'rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort'oħra.*"

Rat ukoll illi t-tieni proviso tal-Artikolu 77 jipprovdi illi:

> "*Iżda wkoll, meta l-filjazzjoni ta' persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, kull min b'konsegwenza ta' dik id-dikjarazzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dik id-dikjarazzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, jista' jitlob lill-qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jitħalla jużа dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-użu ma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nom ta' minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri, hija għandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija minnha fuq l-att tat-twelid rilevanti ta' min tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tiegħu.*"

Relevanti wkoll huwa r-raba' proviso tal-Artikolu 92 (1) tal-Kodici Civili illi jipprovdi li:

> "*Iżda wkoll, jekk ir-rikonoxximent jintalab li jsir permezz ta' talba ġudizzjarja quddiem il-Qorti kompetenti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso, it-talba opportuna sabiex wara kunjom il-missier jiġi miżjud kunjom l-omm għandha ssir lill-Qorti f'kull ħin qabel il-pronunzjament tas-sentenza. Fin-nuqqas ta' dik it-talba t-tifel jieħu kunjom il-missier.*"

Rigward il-kwistjoni tal-kunjom tal-minuri, li taghlaq tlett (3) snin f' Dicembru li gej rat illi

l-partijiet kif assistiti waqt l-udjenza tas-26 ta' Mejju 2021 *a fol 48* tal-atti, qablu li l-minuri ghandha tkun maghrufa bil-kunjom FA. Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi dan ikun fl-ahjar interess tal-minuri sabiex b'hekk il-paternita' vera tal-minuri tkun giustament riflessa fl-att tat-twelid. Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi kunjomha jinbidel minn 'A' ghal' 'FA.'

Ghar-rigward il-kap tal-ispejjes, ikkonsidrat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> ***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***
>
> ***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb** deciza mill-**Qorti tal-Appell** fis-16 ta' Settembru 2004 fejn dwar dan l-artikolu gie spjegat illi:

> ***"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);***
>
> ***Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha***

***biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur.***

Din il-Qorti rat illi l-attrici immedjatament hadet l-inizjattiva illi tirregola din is-sitwazzjoni, illi pero l-intimat A f'dak l-istadju, ma riedx illi jistrieh fuq test tad-DNA li minnu gie eskluz. Ghalhekk kellhom jigi intavolati dawna l-proceduri. Illi din il-Qorti wara li rat illi effettivament it-tempistici illi fihom harget *gravida* l-attrici bil-minuri, l-qosor fiz-zmien bejn it-terminazzjoni tar-relazzjoni bejn il-konjugi A u z-zmien meta saret incinta l-attrici minn relazzjoni ma' F, tqis illi l-ispejjes ghandhom ikunu a karigu tal-attrici.

**Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif gej:**

1. **Ti ddikjara li l-intimat KA ma hux il-missier naturali ta' MLA;**

2. **Ti ddikjara li l-minuri MLA hija effettivament il-wild naturali tal-intimat JPF detentur tal-karta tal-identita bin-numru 562886 M;**

3. **Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fic-Certifikat tat-Twelid ta' MLA liema att ghandu n-numru 2395/2020 sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri fosthom:**

    **Ihassar il-kliem "KA" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Missier it-Tarbija, u minflok inizzel "JPF"; ihassar il-kliem "the said" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Omm it-Tarbija; ihassar n-numru tal-Karta tal-Identita' Maltija "0352184M" fil-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita" relattiv ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel n-numru tal-Karta tal-Identita "562886M"; ihassar n-numru "35" fil-kolonna "Eta'" b'referenza ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel in-numru "34", ihassar l-post "Fgura" fil-kolonna Joqghodu", in kwantu**

**jirrigwarda l-intestata "Missier it-tarbija" u minflok inizzel l-post "Tarxien"; ihassar il-kliem "AA (Dead)" u minflok inizzel il-kliem "AF" (Alive)" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet".**

**4. Tordna illi kunjom il-minuri MLA ghandu jigi sosstitwit minn 'A' ghal 'FA.'**

**L-ispejjeż, inkluzi dawk tad-Direttur Registru Pubbliku, ghandhom jigu sopportati interament mill-attrici.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**